25 ta' Mejju, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Mifsud

## Traffiku — Kollizjoni — "Rule of the Road".

*Il-kondizzjoni tat-triq tista' tiġġustifika vjolazzjoni tar-"Rule of the Road" sakemm tinqabeż l-ostakolu. Però, min ikun, anki minħabba hekk, fuq ir-"wrong side" tiegħu, huwa tenut għal grad aktar għoli ta' attenzjoni.*

*Għalhekk id-driver li jara driver ieħor qiegħed jikser ir-"rule of the road" minħabba l-ostakolu li jkun hemm fit-triq, ma għandux aktar jassumi l-osservanza tar-"rule of the road" mid-driver l-ieħor; u f'każ simili jista' jkun hemm speċi ta' intiża taċita li kull wieħed mid-drivers jiddipartixxi minn dik ir-regola; u allura ebda wieħed minnhom ma għandu, f'daqqa waħda, meta għad hemm iċ-ċirkustanzi speċjali li ssuġġerew il-vjolazzjoni tar-"rule of the road", u meta ż-żewġ vejikoli għadhom ma għaddewx lil xulxin, jerġa' jiġbed fuq is-side tiegħu.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Marzu 1949, l-imsemmi Mifsud ġie misjub ħati ta' danni involontarji, jiġifieri talli, fil-11 ta' Diċembru 1948, għal xi s-siegħa u kwart ta' wara nofs in-nhar, saq motor cycle minn Eucharistic Congress Street, il-Mosta, u minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġini, u inosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' motor car misjuq minn ċertu Joseph Bonello, u għamillu ħsara; u ġie kundannat għall-piena ta' l-ammenda ta' £5;

Mifsud appella kontra din is-sentenza;

Din il-Qorti..........., irriflettiet;

Hu fatt li fil-ġurnata u ħin indikati fiċ-ċitazzjoni l-imsemmi Bonello kien qiegħed isuq car mit-triq fuq imsemmija, sej-

jer fid-direzzjoni tal-knisja, u ftit wara li beda l-bini ħabat mal-motor cycle misjuq mill-appellant, li kien ġej mill-istess triq mid-direzzjoni opposta, u ż-żewġ vetturi ġralhom ħsara. It-tnejn ġew imputati, iżda Bonello ġie misjub mhux ħati u liberat;

Il-versjoni ta' Bonello hi li l-appellant kien ġej fuq ir-wrong side, u hu (Bonello) ħaseb li Mifsud kien sejjer jieqaf ħdejn il-garage mal-bankina tal-lemin tal-motor cycle. Għal-hekk, wara li Bonello ta s-sinjal għal xi traffiku li seta' kien ġej minn warajh, ħareġ għal nofs it-triq biex iħalli spazju lill-motor cycle; imma l-appellant f'daqqa waħda reġa' mar inaspettatament fuq is-side tiegħu, u b'hekk saret il-kolliżjoni. L-appellant, minflok, jgħid li hu kien qed iżomm mhux fuq is-side tiegħu minħabba l-istat tat-triq, iżda meta kien għadu xi tletin pass mill-car, ġibed fuq is-side tiegħu, iżda l-car daħlet fih;

Ma hux kontrastat illi fit-triq kien hemm gandott għadu mhux asfaltat, għalkemm imwitti, u man-naħa tax-xellug kien hemm xi gandotti oħra biex il-main jiġi kommunikat ma' djar privati;

Milli jidher, il-prinċipji ġenerali li għandhom jirregolaw każ simili huma dawn:—

1. Il-kondizzjoni 'tat-triq tista' tiġġustifika vjolazzjoni tar-"rule of the road" sakemm jinqabeż l-ostakolu;

2. Però min ikun, anki minħabba hekk, fuq ir-"wrong side" tiegħu, hu tenut għal grad aktar għoli ta' attenzjoni;

3. Vejikolu ġej mid-direzzjoni opposta għandu jassumi in prinċipju illi l-vettura l-oħra sejra tosserva r-"rule of the road". Imma jekk min qed isuq l-ewwel vejikolu jara illi d-driver l-ieħor qiegħed jikser ir-"rule of the road", allura l-ewwel wieħed ma hux tenut aktar jassumi l-osservanza tar-"rule of the road" mit-tieni wieħed; u f'każ simili jista' jkun hemm speċi ta' intiża taċita li kull wieħed jiddipartixxi mir-"rule of the road". Altrimenti kien jiġi rikoxxut lid-driver li jkun fuq is-side tiegħu d-dritt "to run down everything in his path with impunity", kif jesprimi ruħu Andrew Dewar Gibb (Trial of Motor Car Accident Cases, p. 35, sec. 35);

4. Meta ċ-ċirkustanzi jkunu tali li "the parties agreed to

depart from the rule of the road", allura ebda wieħed mill-vejjkoli ma għandu f'daqqa waħda, meta għad hemm iċ-ċirkustanzi speċjali li ssuġġerew il-vjolazzjoni tar-"rule of the road", u meta ż-żewġ vejikoli għadhom ma għaddewx lil xulxin, jerġa' jiġbed fuq is-side tiegħu;

Issa, mill-kumpless tal-provi, anki bil-konfront tagħhom ma' li "sketch", il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ġie għaliha l-Maġistrat, u sabet aktar attendibili l-versjoni ta' Bonello. Dan Bonello interpreta, mhux bit-tort, l-intenzjoni ta' l-appellant, u ħaseb li l-appellant kien sejjer jibqa' fuq in-naħa ħażina. Allura hu ma baqax jassumi dak li normalment jassumi driver (li l-"oncoming vehicle" sejra żżomm is-side tagħha), u mexa fuq il-presuppost li t-tnejn sejrin jibdlu sidehom. L-appellant bruskament biddel l-idea, u qaleb għall-"proper side" tiegħu f'ħin fatali u bla pre-avviż suffiċjenti, u b'hekk saret il-kolliżjoni;

L-appell għalhekk hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata. Żmien għall ħlas xahar mil-lum.